Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha 23 ta' Ġunju 2017

Appell numru: 18/2014 AE

**Alan Buttigieg** u għal kull interess li jista' jkollha,

**martu Corrine Muscat Buttigieg**

(appellati)

**vs**

**Katka Szajko**

(appellanti)

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' xogħlijiet li saru fil-proprjeta` tal-konvenuta (appartament u *beauty clinic*) fuq inkarigu tagħha.**

2. Fl-Avviż tal-24 ta' Novembru 2014 ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Inferjuri, l-atturi talbu li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallashom is-somma ta' **€3,990.33** (u wkoll il-**VAT** u l-**imgħax** sad-data tal-ħlas relattiv), rappreżentanti bilanċ pendenti fir-rigward ta' diversi xogħlijiet ta' *finishing* u xogħlijiet oħra magħmula mill-attur fil-proprjeta` tagħha fi Triq Dawwara, Victoria, Għawdex. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali t' Awwissu 2014 u l-mandat ta' deskrizzjoni.

3. Fir-Risposta tagħha tal-31 ta' Diċembru 2014 il-konvenuta eċċepiet (1) li it-talba hija intempestiva billi l-appalt mogħti lill-attur baqa' ma ġiex ikkompletat, (2) li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa, (3) li l-ammont mitlub huwa akbar minn dak pattwit, (4) li l-*extras* mitluba huma diġa inklużi fl-istima, u (5) li qed jintalab ħlas għal xogħlijiet li effettivament ma twettqux. Bl-ispejjeż

kontra l-atturi.

4. L-ewwel qorti fil-verbal ta-27 ta' Jannar 2015[1] kienet ordnatilha tippreżenta nota sabiex tindika x-xogħlijiet relattivi għal kull eċċezzjoni sollevata minnha. Hija fil-25 ta' Frar 2015[2] fil-fatt ippreżentat tali nota biex tispjega l-eċċezzjonijiet tagħha. Din il-qorti jidhirlha li huwa opportun tirriproduċiha peress 'il quddiem ser issir ampja riferenza għaliha:

(1) Dwar l-eċċezzjoni tal-intempestivita`, peress li ma tlestewx ix-xogħlijiet mogħtija fl-appalt:

(i) skirting in bedroom shaft;
(ii) skirting in main shaft near aircondition;
(iii) damp proofing in area near main road;
(iv) plastering of bedroom terrace;
(v) waterproof membrane in main shaft & back shaft.

(2) Dwar l-eċċezzjoni li x-xogħol mhux skont l-arti u s-sengħa:

(i) damp proofing in area near main road;
(ii) plastering of bedroom terrace; u
(iii) nuqqas ta' ventilaturi fejn saru xogħlijiet strutturali bl-konsegwenza ta' moffa fil-klinika.

(3) Dwar l-eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa ferm aktar minn dak pattwit:

(i) l-ammonti ta' ramel huma iktar minn dawk kwotati; u
(ii) diversi items tfaċċaw biss fil-kontijiet finali.

(4) Dwar il-ħlasijiet ta' "*extras*" diġa inklużi fl-istima':

(i) drains for sinks/toilet;
(ii) drains for sinks/toilet/bath;
(iii) drainage system WC in shaft;
(iv) bath wash and overflow;
(v) three drainage pipes for WC;
(vi) installation of shower cubicle;
(vii) skip.

(5) Dwar il-ħlasijiet għal xogħlijiet li qatt ma twettqu:

(i) waterproof membrane in main shaft and back shaft;
(ii) laying of skirting inside main bedroom.

5. Fis-sentenza li ingħatat fit-28 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

[1] Verbal tal-Qorti, fol 34.
[2] Nota tal-konvenuta biex tispeċifika x-xogħlijiet relatati ma' kull eċċezzjoni tagħha, fol 35-36.

Inferjuri, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni dwar l-intempestivita` tal-azzjoni, laqgħet limitatament il-bqija tal-eċċezzjonijiet, u kkundanant lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ridotta ta' **€3,801.63** (ċioe` naqqset biss €188.70). Bl-imgħaxijiet fuq l-ammont ridott mid-data tal-preżentata tal-Avviż sad-data tal-pagament effettiv. Ordnat illi l-ispejjeż kellhom jiġu sopportati kwart (1/4) mill-attur u l-bqija (3/4) mill-konvenuta.

6. Il-konvenuta ħassitha aggravata b' din id-deċiżjoni u għalhekk fil-15 ta' Lulju 2016 intavolat appell quddiem din il-qorti fejn talbitha tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti "*billi filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tagħha u b'hekk irriduċiet l-ammont dovut, tirriforma l-parti tas-sentenza li biha ma laqgħetx il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha, tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha fit-totalita` tagħhom u dana bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi appellati.*"

7. **L-aggravji** tal-konvenuta appellanti huma s-segwenti:

(i) Fl-ewwel lok tilmenta mill-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni. Tilmenta bil-fatt illi minkejja li l-ewwel qorti kkonstatat illi diversi xogħlijiet ma ġewx kompletati dehrilha illi dan ma kellux iwassal għall-intempestivita`.

(ii) Fit-tieni lok tilmenta illi minħabba li l-ewwel qorti ma ħaditx konjizzjoni suffiċjenti tal-erba' (4) eċċezzjonijiet l-oħra tagħha ma rriduċietx biżżejjed l-ammont pretiż mill-attur. Issostni li l-ammont li kellu jitnaqqas kellu jkun ferm ikbar.

(iii) Fit-tielet lok u b'riferenza għall-Artikolu 1623 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, tgħid illi l-ammont finali mitlub mill-attur ma jistax ikun iktar mill-istima li huwa taha bil-miktub. Targumenta illi l-attur ma jistax jgħolli l-prezzijiet wara li dawn kienu diġa stabbiliti qabel ma nbdew ix-xogħlijiet. Taċċenna għall-fatt illi skont l-istima ma kellu jkun hemm l-ebda varjazzjonijiet ħlief fil-każ tar-ramel fejn ġie speċifikatment indikat

li dan jista' jiżdied jew jonqos.

(iv) <u>Fir-raba' lok</u> issostni illi ma <u>huma dovuti l-ebda imgħaxijiet</u> ġialadarba l-ammont mitlub hu ferm 'il bogħod minn wieħed ċert, likwidu, u dovut.

8. <u>L-atturi appellati fit-30 ta' Awwissu 2016 wieġbu</u> biex jgħidu li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Fatti li taw lok għal din il-vertenza:</u>**

9. <u>L-attur</u> fl-affidavit[3] xehed illi fl-1 ta' Awwissu 2012 il-konvenuta kienet inkarigatu jagħmel xogħol ta' "*finishing*" fl-appartament tagħha bin-numru 2, Block B, Victoria Mansions, Triq id-Dawwara, Victoria, Għawdex, liema appartament jikkonsisti mhux biss fir-residenza privata tagħha iżda wkoll f' *beauty clinic* fejn taħdem. Qal li kienet għamlithielu ċara li x-xogħol kellu jitlesta sa mhux aktar tard mit-12 ta' Novembru 2012.

10. Huwa għamel riferenza għall-<u>istima tax-xogħlijiet</u> datata 14 ta' Awwissu 2012 (Dok A)[4] fl-ammont ta' **<u>€21,387.49</u>** (li bil-VAT jiġi €25,237.24) li kien ipprepara u għadda lill-konvenuta qabel ma beda jaħdem fuq il-proprjeta` tagħha, u wkoll għall-<u>kont finali</u> datat 15 ta' Novembru 2012 (Dok B)[5] fl-ammont ta' **<u>€16,997.56</u>** (li ma jinkludix VAT). Spjega illi mal-meddha tax-xogħol il-konvenuta kienet talbitu jagħmel xi xogħlijiet *extra* jew differenti minn dawk li kienu tkellmu dwarhom oriġinarjament, u allura il-kont finali ġie jinkludi xogħlijiet li ma kinux inklużi fl-istima. Ippreċiża wkoll illi kien hemm xogħlijiet imsemmija fl-istima li fil-fatt ma sarux minnu (bħal fil-każ tax-xogħol tal-aluminju) u li dawn ma ġewx inklużi fil-kont finali.

11. L-attur enfasizza l-fatt li mhux talli kien lesta x-xogħlijiet fl-10 ta' Novembru 2012, li kien qabel id-data pattwita. Fil-fatt fl-email li bagħtitlu fit-2 ta'

[3] Affidavit tal-attur, fol 9-12.
[4] Dok A, Stima tax-xogħlijiet, fol 13-14.
[5] Dok B, Kont finali, fol 15-18.

Settembru 2013[6] meta kien qed jippressaha biex tħallsu l-bilanċ, qaltlu "*You are absolutely right my clinic I opened 12/11/2012*". Qal li Katka Szajko, "*kienet kuntenta*" bix-xogħlijiet li kien għamlilha, tant li kienet qaltlu li kienet anke irrakkomandatu ma terzi persuni.

12. Kompla jgħid illi meta lesta x-xogħlijiet kien għad fadlilha tħallas bilanċ ta' €7,990.33 u sussegwentement <u>f'Novembru 2013 kienet ħallset €4,000 minnhom</u>. Qal li:

*"..dakinhar jien u hi konna dorna l-kont flimkien u hija dejjem aċċettat il-kontenut tiegħu. F' dik l-okkażjoni, hija ma ressqet l-ebda tip ta' lment u kienet ferħana bix-xogħol tiegħi. Dan kien l-aħħar pagament li rċevejt u minkejja li bgħatt diversi reminders lil Katka biex din tħallas hija dejjem baqgħet inadempjenti."*

13. Huwa esebixxa kopji ta' <u>korrispondenza bl-emails</u> li kienet ġiet skambjata bejniethom (Dok C)[7]. Ovvjament dawk l-emails partikolarment rilevanti għall-vertenza odjerna huma dawk posterjuri għall-aħħar ħlas li għamlet f' Novembru 2013:

- F' email datata <u>26 ta' Marzu 2014</u> il-konvenuta qaltlu:

  *"I did not forget abut your payment! Unfortunately things are not going the way I was hoping. I am really working hard to make the payment happen but so far not even business moved still quite!"*

- F' email oħra datata **<u>19 ta' Mejju 2014</u>** qaltlu:

  "I *have not forgotten about your payment but as I said a month go I can tell you the same! Right now I have NO money! So for sure I cannot give you the full settlement"*

  Minkejja li f'din l-email tad-19 ta' Mejju 2014 ilmentat għall-ewwel darba miegħu li:

  "*the back yard it's not finished also finding problems near entrance to the clinic and shaft…So after a year and a half it should not be like this*",

  ma kkontestatx il-bilanċ. In fatti qaltlu:

  *"I can give you something small monthly but not the full payment for sure! For that*

[6] Fol 21.
[7] Korrispondenza bejn il-partijiet permezz tal-emails: Dok C, fol 19-26.

*would need much more time!...Really sorry.*"

- F' email oħra li bagħtitlu l-għada **<u>20 ta' Mejju 2014</u>** speċifikat li l-problema li kellha kienet tirrigwarda ż-żebgħa:

"*Paint! But does not matter I will eventually sort it out! Yes I praised your work I still do! But now seeing some things which I did not see before! You will get paid as I always catch up with payments and I pay my dues but right now I can not!*"

14. Peress li baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ ta' €3,990 (+VAT), u rinfaċċjat b' dan l-atteġġament tagħha, l-attur f dak l-istadju <u>mar għand avukat u bdiet tigi skambjata sensiela ta' korrispondenza legali u ġudizzjarja</u>:

- Huwa bagħtilha ittra legali datata <u>21 ta' Lulju 2014</u>[8];

- Hija weġbitu b' ittra legali oħra datata <u>25 ta' Lulju 2014</u>[9] fejn ġie suġġerit li jiltaqgħu biex jiddiskutu xi kwistjonijiet, u cioe` (i) li l-ammont pretiż minnu huwa akbar minn dak ikkwotat fl-istima, u (ii) li mhux ix-xogħlijiet kollha kienu ta' kwalita`, bit-tama li jintlaħaq ftehim amikevoli.

- L-attur weġibha b' ittra legali oħra datata <u>29 ta' Lulju 2014</u>[10] fejn qalilha li kien ferm sorpriż bil-kontenut tal-ittra tagħha u baqa' jsostni li kellha tħallsu l-bilanċ kollu pretiż minnu.

- Hija reġgħet wieġbet b' ittra legali oħra datat <u>13 ta' Awwissu 2014</u>[11] fejn stednitu jiltaqgħu fil-preżenza tad-difensuri tagħhom biex jilħqu ftehim.

- F' dak l-istadju l-attur iddeċieda li jinterpellaha ġudizzjarjament permezz ta' ittra uffiċjali (437/2014) datata <u>20 ta' Awwissu 2014</u>[12];

- Hija wieġbet għal tali ittra uffiċjali permezz ta' ittra datata <u>1 ta' Settembru 2014</u>[13] fejn barra li reġgħet fakkritu li l-ammont dovut huwa akbar minn dak indikat fl-istima, u li x-xogħlijiet ma kinux kollha tal-kwalita` pattwita, <u>qaltlu wkoll li l-interpellazzjoni tiegħu kienet **intempestiva**</u> peress li x-xogħlijiet li kellhom isiru ma kinux tlestew kollha.

---

[8] Ittra legali datata 21 ta' Lulju 2014, fol 27.
[9] Ittra legali datata 25 ta' Lulju 2014, fol 28.
[10] Ittra legali datata 29 ta' Lulju 2014, fol 29.
[11] Ittra legali datata 13 ta' Awwissu 2014, fol 30.
[12] Ittra uffiċjali (437/2014) datata 20 ta' Awwissu 2014, fol 31.
[13] Risposta għall-ittra uffiċjali (437/2014), datata 1 ta' Settembru 2014, fol 32.

**Rapporti tal-perit *ex parte* Cornelia Tabone inkarigata mill-konvenuta:**

15. Il-perit Cornelia Tabone, fir-rapport tagħha tad-<u>19 ta' Ġunju 2015</u>[14] iddikjarat illi meta spezzjonat il-fond tal-konvenuta osservat illi "*the ceiling and walls are covered in black stains. These black stains appear to be a form of biological growth such as mould. The biological growth was noticed throughout the entire clinic and apartment on both external and internal walls.*" Hija spjegat illi din il-"*biological growth*" tifforma meta t-temperatura tinżel, u bħala konsegwenza ikun hemm kondensazzjoni l-umdita` ġewwa l-proprjeta`. Qalet li l-fatt li l-ħitan esterni huma "*single leaf*" u l-fatt li l-appartament sovrastanti l-proprjeta` tal-konvenuti huma "*in shell form*" jikkontribwixxu għat-tnaqqis fit-temperatura.

16. Il-perit Tabone ukoll ippreparat id-Dok CT3[15], li kif spjegat fil-kontro-eżami tagħha dana huwa kejl ta' kwantajiet ta' *finishes* li kkonstatat. Spjegat li kienet dahret kamra kamra u kejliet il-madum, skirting, żebgħa etc. Dan id-dokument huwa ta' utilita` sabiex jitfa' dawl fuq jekk ix-xogħlijiet li tagħhom qed jippretendi l-ħlas l-attur fil-kont finali, fil-fatt sarux.

17. Fir-rapport sussegwenti tagħha tad-<u>29 ta' Lulju 2015</u>[16] iddikjarat illi l-i*skirting* tax-shaft prinċipali (indikat A fuq il-pjanta a fol 70[17]) mhux komplut. Stmat illi l-ispejjeż neċessarji sabiex jinqala' l-madum ta' din il-bitħa u jsir mill-ġdid jammontaw għal €401.91. <u>Kontro-eżaminata pero</u>` qalet li din l-istima ta' €401.91 tirreferi għall-bitħa indikata C fuq il-pjanta CT2 u mhux għax-shaft indikat A (kif fil-fatt jiftiehem ir-rapport). Spjegat illi "*hemm dubju serju sarx il-membrane taħt dan il-madum tax-shaft*". Mistoqsija jekk għamlitx xi verifiki biex tara jekk effettivament sarx il-*membrane* irrispondiet fin-negattiv. (Fil-fatt

[14] Rapport tal-perit Cornelia Tabone tad-19 ta' Ġunju 2015, Dok CT4, (Inkl. ritratti), fol 73-81.
[15] Dok CT3, fol 71-72.
[16] Rapport tal-perit Cornelia Tabone tad-29 ta' Lulju 2015, Dok CT1 (Inkl. ritratti) fol 66-69.
[17] Pjanta tal-perit Cornelia Tabone, Dok CT2, fol. 70.

l-attur stess ikkonferma li ma għamilx *membrane* fil-bitħa indikata C, iżda dwar dan din il-qorti ser tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il quddiem[18]).

**<u>Konsiderazzjoni ta' din il-qorti:</u>**

***<u>L-ewwel aggravju</u>*** *<u>- dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni</u>*

18. L-ewwel <u>eċċezzjoni tal-intempestivita`</u> tal-azzjoni hija bbażata fuq l-allegazzjoni illi, "l*-appalt mogħti lir-rikorrenti għadu sa llum il-ġurnata ma ġiex kompletat ossia ma tlestewx ix-xogħlijiet mogħtija fl-istess appalt*". Fin-nota li ppreżentat il-konvenuta fil-25 ta' Frar 2015 (ara *supra*) hija kienet elenkat is-segwenti xogħlijiet li fuqhom hija ppernjata din l-eċċezzjoni:

    (i) skirting in bedroom shaft;
    (ii) skirting in main shaft near aircondition;
    (iii) damp proofing in area near main road;
    (iv) plastering of bedroom terrace;
    (v) waterproof membrane in main shaft & back shaft.

19. Il-konvenuta ilmentat li minkejja li l-ewwel qorti kkonstatat li kien hemm xi xogħlijiet li ma ġewx kompletati, xorta kkonkludiet li dan ma kellux iwassal għall-intempestivita` tal-azzjoni u għalhekk ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni tagħha. Hija rreferiet għas-sentenza tal-istess qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **<u>Joe Spiteri noe vs Dr Isabella Borg</u>** (deċiża fit-30 ta' Novembru 2012) u targumenta illi f' tali każ, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` kienet intlaqgħet minkejja li n-nuqqasijiet riskontrati kienu ferm inqas gravi minn dawk riskontrati fil-każ odjern.

20. Iżda r-raġuni għaliex l-ewwel qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni ma kinitx relatata mal-gravita` o meno tax-xogħlijiet li allegatament ma sarux. L-ewwel qorti, wara li qieset il-fatt li fil-korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet imkien ma tqajjem l-ilment li kien hemm xogħlijiet li ma sarux, wara li qieset it-trapass taż-żmien sakemm il-konvenuta qajmet tali lment, u wkoll wara li qieset l-fatt

[18] Taħt l-intestatura *"waterproof membrane in main shaft & back shaft"*.

li f' dak l-istadju kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jekk ix-xogħol kienx fil-fatt sar kollu jew le, dehrilha li kien ġustifikat l-attur li jipprosegwi bil-kawża odjerna u kien għalhekk li qieset din l-eċċezzjoni tagħha bħala infondata.

21. Din il-qorti ukoll hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi kronoloġiċi li jirriżultaw mill-provi ma jissostanzjaw bl-ebda mod din l-ewwel eċċezzjoni, anzi jikkonfermaw kemm hija eċċezzjoni bla bażi. Rilevanti ħafna huwa "*timeline*" tal-fatti:

- Fl-10 ta' Novembru 2012 l-attur lesta x-xogħlijiet li l-konvenuta nkarigatu jagħmel fil-proprjeta tagħha;

- Fit-12 ta' Novembru 2012, il-konvenuta fetħet il-*beauty clinic* tagħha;

- **Fil-15 ta' Novembru 2012 l-attur ħareġ il-kont fl-ammont ta' €16,997.56**;

- Il-konvenuta għamlet diversi pagamenti, kemm qabel ma ħareġ il-kont finali, kif ukoll wara:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Settembru 2012 | €3,000 |
| (ii) | Novembru 2012 | €5,161.66 |
| (iii) | Diċembru 2012 | € 845.56 |
| (iv) | Novembru 2013 | €4,000 |

- Wara dan il-pagament li għamlet f' Novembru 2013 hija baqgħet ma ħallistx il-bilanċ ta' €3,990.33;

- Bejn Marzu 2014 u Mejju 2014 ġiet skambjata korrispondenza permezz ta' emails bejnha u bejn l-attur, **fejn skużat ruħha għall-fatt li ma kellhiex flus biex tħallsu, iżda wegħditu li kienet ser tħallsu**;

- Bejn Lulju 2014 u Awwissu 2014 ġew skambjati ittri legali bejn il-partijiet fejn għall-ewwel darba ilmentat li l-ammont kellu jkun inqas, u li x-xogħol ma kienx skont l-arti u s-sengħa;

- Kien imbagħad fl-1 ta' Settembru 2014, fir-risposta tagħha għall-ittra uffiċjali tal-attur fejn interpellaha ġudizzjarjament biex tħallas il-bilanċ, li qajmet għall-ewwel darba il-kwistjoni li x-xogħol kien għadu ma tlestiex, u sostniet li l-interpellazzjoni tiegħu kienet intempestiva.

22. Minn dan kollu jirriżulta illi minn meta l-attur ikkompleta l-appalt f' Novembru 2012 sakemm il-konvenuta ilmentat miegħu għall-ewwel darba li l-appalt fil-

fatt kien għadu ma ġiex kompletat, għaddew prattikament sena u disa' xhur – u fil-frattemp kienet anke għamlet pagamenti sostanzjali u kkonfermat il-ħsieba tagħħa li tħallas. Meħud in konsiderazzjoni dawn il-provi, il-kwistjoni tal-intempestivita` hi għal kollox barra minn lokha.

23. Fid-dawl ta' dan kollu din il-qorti issib li l-ewwel aggravju tal-konvenuta huwa infondat.

***It-tieni aggravju*** *– nuqqas ta' konjizzjoni sufficjenti tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet:*

24. Il-konvenuta fit-tieni aggravju tagħħa tilmenta illi l-ewwel qorti ma ħaditx konjizzjoni sufficjenti tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tagħħa. Hija f' dan it-tieni aggravju tagħħa rriproduċiet dik il-parti tan-nota tagħħa tal-25 ta' Frar 2015 fejn kienet elenkat speċifikatament ix-xogħljiet relattivi għat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tagħħa, u żiedet tgħid illi mir-rapport tal-perit Cornelia Tabone (perit *ex parte* inkarigata minnha) jirriżulta li l-ilmenti tagħħa fir-rigward ta' tali xogħlijiet huma kollha ġustifikati, u li għalhekk għandu jkun hemm riduzzjoni kbira fl-ammont pretiż.

25. Din il-qorti ser tikkunsidra l-ilmenti tal-konvenuta fir-rigward ta' dawn l-aħħar erba' eċċezzjonijiet tagħħa. Ladarba dan l-aggravju jirrigwarda l-ilmenti tal-konvenuta fil-konfront tax-xogħlijiet li hija elenkat bħala relattivi għat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoijiet, teknikament m'għandhomx jitqiesu l-ilmenti tal-konvenuta fir-rigward tax-xogħlijiet li hija stess ikklassifikat bħala relattivi għall-ewwel eċċezzjoni, u cioe`:

(i) skirting in bedroom shaft;
(ii) skirting in main shaft near aircondition;
(iii) damp proofing in area near main road;
(iv) plastering of bedroom terrace;
(v) waterproof membrane in main shaft & back shaft.

26. Fi kwalunkwe każ, l-aħħar tlieta – (iii) *damp proofing in area near main road*, (iv) *plastering of bedroom terrace* u (v) *waterproof membrane in main shaft and back shaft* - huma ripetuti ukoll fix-xogħlijiet relattivi għat-tieni u l-ħames

eċċezzjonijiet u għalhekk xorta ser ikollha tqishom. Peress li jifdal biss (i) *skirting in bedroom shaft* u (ii) *skirting in main shaft near air-condition*, din il-qorti għal kull buon fini sejra tqishom ukoll (kif fil-fatt għamlet l-ewwel qorti).

*• Skirting in bedroom shaft (indikat C fuq il-pjanta Dok CT2)*

27. Għalkemm fl-istima tal-attur ma jissemma' l-ebda *skirting* estern, fil-kont finali hemm €70.81 rappreżentanti 16-il metru *skirting* estern. Skont ma jirriżulta mid-Dok CT3 tal-perit Tabone, hija ikkonstatat li fil-fatt sar 8.34 metru ta' *skirting* fil-bitħa tax-shaft prinċipali (indikata A fuq il-pjanta CT2) u 14 il-metru *skirting* fil-bitħa ta' mas-salott (indikata D fuq il-pjanta CT2) li flimkien iġibu total ta' 22.34 metru. Fir-rigward tax-shaft iż-żgħir (indikat B fuq il-pjanta CT2) il-perit ma kkonstatatx jekk sarx *skirting* jew le filwaqt li fir-rigward tal-bitħa ta' mal-kamra tas-sodda (indikata C fuq il-pjanta CT2) ikkonstatat li fil-fatt ma sar l-ebda *skirting.* L-attur fl-affidavit tiegħu qal li kienet il-konvenuta stess li tatu struzzjonijiet biex ma jagħmilx *skirting* fil-bitħa tal-kamra tas-sodda. Huwa fil-fatt mhux qed jippretendi ħlas għalih. U kif ingħad, għalkemm il-perit ikkonstatat li l-attur għamel b' 22.34 metru *skirting*, huwa qed jippretendi biss ħlas ta' 16-il metru. Għaldaqstant din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li l-attur għandu jitħallas għall-i*skirting* li għamel.

*• Skirting in main shaft near air-condition (indikat A fil-pjanta Dok CT2):*

28. Dan jirrigwarda l-i*skirting* fil-bitħa tax-shaft prinċipali (indikata A fuq il-pjanta CT2). Kif jidher mir-ritratti a fol 67 hemm parti żgħira ta' dan l-iskirting nieqes fejn hemm għaddejjin il-pajpijiet tal-*air conditioners*. Din il-qorti bħall-ewwel qorti ukoll ma tistax tifhem kif il-konvenuta qed tippretendi li dan seta' jitwaħħal ladarba diġa kien hemm il-pajpijiet għaddejjin. Għaldaqstant żgur li ma tistax tippretendi tnaqqis fil-prezz tal-i*skirting* estern għal din ir-raġuni! (Dan apparti l-fatt illi kif diġa spjegat fil-paragrafu preċedenti, fir-rigward tal-i*skirting* estern l-attur qed jitlob ħlas għal inqas metri minn kemm fil-fatt kesa bl-i*skirting*.)

• *Damp-proofing in area near main road:*

29. Kemm fl-istima kif ukoll fil-kont finali hemm indikat, "*damp proof to wall in corridor and clinic at main road*" u ta' dan l-attur qed jippretendi €102.49. Kif osservat l-ewwel qorti, kemm mill-aċċess, u kemm minn kif xehdu l-partijiet dan ma sarx fl-area ħdejn it-triq prinċipali tant li f' tali punt hemm ħsara fil-ħajt. F' dan ir-rigward l-ewwel qorti, tenut kont tal-fatt li l-kurutur huwa itwal minn tali parti, naqqset *arbitrio boni viri* terz (1/3) minn dan l-ammont pretiż u cioe` **€34.16**. Din il-qorti ma jidhrilhiex li għandha tnaqqas iktar minn tali ammont li waslet għalih l-ewwel qorti ġialadarba tqies li d-diskrezzjoni li eżercitat l-ewwel qorti tagħmel sens.

• *Plastering of bedroom terrace (indikat C fuq il-pjanta Dok CT2):*

30. Fl-istima hemm indikati €3081.18 rappreżentanti xogħol ta' kisi (€679.01 – kisi tas-soqfa – 106 metri; u €2402.17 – kisi tal-ħitan – 375 metri). Ir-rata tal-kisi kemm għas-soqfa kif ukoll għall-ħitan hija ta' Lm2.75 (€6.405) kull metru (kwadru).

31. Fir-rigward ta' din il-bitħa l-attur stess xehed li kull ma għamel kien li waħħal il-madum, għamel tlett tarġiet, u kaħħlilha trinka fejn qatta' l-electrician. Għaldaqstant jirriżulta li huwa effettivament ma kesiex il-ħitan ta' din il-bitħa. Fil-kont finali hemm indikati €3,081.18 rappreżentanti "*plastering of walls*" (għalkemm kif fuq spjegat, skont l-istima, din is-somma tirrappreżenta mhux biss il-kisi tal-ħitan iżda wkoll tas-soqfa). Fi kwalunkwe każ, ma ġietx ridotta tali somma in vista tal-fatt li l-ħitan tal-bitħa tal-kamra tas-sodda ma nksewx. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel qorti ladarba l-ħitan tal-bitħa tal-kamra tas-sodda ma nksewx, kellu jkun hemm tnaqqis f' dan ir-rigward. Hija qieset li l-area tal-bitħa indikata C hija ta' 8.937m² u għalhekk ikkalkulat li kellu jitnaqqas l-ammont ta' €57.61. (Fil-fatt 8.927m² bir-rata ta' €6.405 iwassal għal dan l-

ammont.) **<u>Iżda l-area  tal-bitħa ma tirrappreżentax l-area tal-ħitan tal-bitħa li ma ġewx miksija.</u>** Biex wieħed jasal għal dan l-ammont irid jimmultiplika t-tul tal-ħitan mal-għoli tagħhom. Issa skont il-pjanta CT2, hemm perimetru ta' madwar 14 metru, u din il-qorti ser tqis li l-għoli tal-ħitan tal-bitħa huwa ta' 2.5 metru. Għaldaqstant din il-qorti tikkalkola li għandha titnaqqas is-somma ta' **<u>€224.18</u>** (14m x 2.5m x €6.405), u mhux €57.61 kif qalet l-ewwel qorti.

*<u>• Waterproof membrane in main shaft and back shaft (indikati A u D fuq il-pjanta Dok CT2):</u>*

32. Kemm fl-istima kif ukoll fil-kont finali jidhru <u>€232.94</u> rappreżentanti dan il-"*waterproof membrane in main shaft and back shaft*". Jidher li b' "*main shaft*" ir-referenza hija għall-bitħa tax-<u>shaft prinċipali  immarkata A</u> fuq il-pjanta Dok CT2, filwaqt li b' "*back shaft*" ir-riferenza hija għall-bitħa ta' mas-salott, u cioe` dik il<u>-bitħa mmarkata D fuq il-pjanta Dok CT2</u>. L-attur fix-xiehda tiegħu fil-fatt ikkonferma li huwa żamm lill-konvenuta għall-*membrane* fir-rigward tal-btieħi A u D biss.

33. Fir-rigward tal-bitħa D, fl-aċċess stess ġie verbalizzat li l-konvenuta iddikjarat li "*kollox sar up to standard*".  Fir-rigward tal-bitħa A jidher li l-perit Tabone tħawwdet din il-bitħa mal-bitħa C. (Kif ġie spjegat *supra*, il-perit Tabone fir-rapport tagħha kienet tal-opinjoni li jinqala' l-madum tal-bitħa A mill-ġdid sabiex isir il-*membrane* u stmat l-ispejjeż għal dan fl-ammont ta' €401.91[19]. Iżda fil-kontro-eżami ħareġ ċar li fil-fatt kienet qed tirreferi għall-bitħa C u mhux għall-shaft prinċipali A, li jidher li hemm qbil li fil-fatt il-*membrane* fih sar.)

34. In vista ta' dan din il-qorti ser tikkonsidra l-ilment tal-*membrane* ukoll fir-rigward ta' din il-bitħa C (dik ta' mal-kamra tas-sodda). Fir-rigward ta' din il-bitħa C l-attur qal li ma kienx hemm bżonn isir *membrane* peress li taħtu

[19] Kif ġie spjegat, għalkemm fir-rapport kienet qed tirreferi għall-bitħa A, fil-kontro-eżami joħroġ ċar li kienet qed tirreferi għall-bitħa C.

hemm il-konkos u taħt il-konkos hemm il-blat. Fil-fatt qal li fil-fehma tiegħu huwa ħela ta' flus li jsir *membrane* hemmhekk. Meta l-attur ġie mistoqsi jekk kienx hemm ftehim bejnu u bejn il-konvenuta li dan il-*membrane* kellu fil-fatt isir, huwa rrisponda fin-negattiv. Ċaħad ukoll li l-konvenuta qatt qaltlu li kienet effettivament obbligata bil-kuntratt[20] li bih xtrat il-proprjeta` tagħha li tagħmel il-*membrane* f' kull bitħa jew shaft biex tiġi evitata l-penetrazzjoni tal-ilma fil-garaxxijiet sovrastanti (u dan nonostante l-fatt li fl-istima hemm indikat li kellu jsir *waterproof membrane* fir-rigward ta' <u>żewġt ibtiehi</u> biss). Għaldaqstant din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li mhux il-każ li jingħad li l-attur ma għamilx xogħlu u għalhekk m'għandha ssir l-ebda riduzzjoni f' dan ir-rigward.

*<u>• Laying of skirting in main bedroom</u>*

35. Fil-kont finali hemm <u>€355.43</u> li jirrappreżentaw l-i*skirting* intern. Għalkemm il-konvenuta ssostni li l-i*skirting* tal-kamra tas-sodda ma sarx, il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal li "*ninsisti li hemm skirting li ġie poġġut fil-main bedroom*." Kif osservat l-ewwel qorti fl-aċċess li għamlet ma nġibditx l-attenzjoni għal tali *skirting*. Għalkemm l-ewwel qorti tikkummenta illi r-rapport tal-perit Tabone ma jitfa' l-ebda dawl fuq dan il-punt, din il-qorti invece tosserva li l-perit Tabone kkonstatat li fil-kamra tas-sodda effettivament tqiegħed 13.53m *skirting* tal-*parquet*. Għaldaqstant iktar u iktar l-ilment tal-konvenuta ma jistax jitqies li huwa fondat.

*<u>• Nuqqas ta' ventilaturi fejn għamel xogħlijiet strutturali bil-konsegwenza ta' moffa fil-klinika</u>*

36. Il-konvenuta tilmenta illi fejn l-attur għamel xogħlijiet strutturali ma sarux ventilaturi, bil-konsegwenza li għandha l-moffa fil-klinika. L-attur f' dan ir-rigward xehed illi x-xogħol li sar minnu kien kollu xogħol fuq ġewwa u għalhekk ma kienx hemm in-neċessita` li jsiru xi ventilaturi. Din il-qorti f' dan

[20] Kuntratt a fol 133 *et seq*.

ir-rigward taqbel mal-ewwel qorti in kwantu ikkummentat illi l-ventilaturi se mai kienu l-obbligu tal-bennej.

37. Fi kwalunkwe każ il-perit Tabone spjegat illi fil-fehma tagħha l-"*biological growth*" li osservat huwa kaġun ta' żewġ fatturi: (1) il-fatt li l-ħitan esterni huma singli u għalhekk dan jikkontribixxi għal tnaqqis fit-temperatura b' mod li l-umdita` tikkondensa u konsegwentement tifforma din il-"*biological growth*" (jew moffa), u (2) il-fatt li l-appartamenti sovrastanti la kellhom aperturi u lanqas kellhom il-ħitan tagħhom miżbugħa. Fil-fatt fl-aċċess ġie verbalizzat li:

> *"Il-Qorti aċċediet fuq l-appartament li jiġi eżatt fuq tal-konvenuta u jirriżulta li huwa kollu miftuħ, għadu bl-aperturi ma humhiex magħluqin, għadu bit-torba, fejn hemm it-torba mingħajr tikħil xejn, u ma diversi ħitan u mal-aperturi deher illi hemm iċ-ċarċir tal-ilma."*

Għaldaqstant dan l-ilment huwa wkoll infondat.

- ***Ammont ta' ramel ferm iktar minn dak kwotat***

38. Fl-istima tiegħu fir-rigward tar-ramel ("*sand for under tiles*") l-attur ikkwota l-ammont ta' €563.71 għal 22 jarda, **pero` għamel annotament fis-sens illi "*amount could go up or down*"**. Fil-fatt fil-kont finali taħt l-intestatura "tiling, water proofing and painting" talab €871.19 għal 43 jarda ramel, u taħt l-intestatura "*extras*" talab €25.62 fir-rigward ta' "*Supply of extra sand by truck*". Taħt dan l-item spjega bl-aħmar "*we needed more sand so I bought sand on my truck from quarry".*

39. L-attur spjega għaliex kellu juża aktar ramel:

> *"...jiena verament użajt aktar ramel iżda Katka kienet ġiet infurmata b'dan. Li ġara kien li waqt il-lant tax-xogħlijiet ġie mgħolli l-livell tan-naħa tal-clinic b'livell ta' 5 inches 'il fuq. Dan il-livell kien tgħolla sabiex tiġi evitata tarġa fil-kurutur. u dan għaliex il-konvenuta riedet tgħolli aktar il-livell tal-art sabiex tevita li tagħmel tarġa f' nofs l-appartament."*

40. Apparti li jgħid illi dejjem informa lill-konvenuta b' dak li kien qed jiġri, jaċċenna għall-fatt li fl-istima stess kien indika li l-ammont kwotat minnu seta'

jogħla jew jinżel. Fid-dawl ta' dan kollu din il-qorti, bħall-ewwel qorti, ma tarax li l-ilment tal-konvenuta huwa ġustifikat, iktar u iktar meta tqies dak li qalet lill-attur qabel bdiet tilmenta.

• *Ħlasijiet ta' "extras" li huwa ovvju li kienu ġia inklużi fix-xogħlijiet li għalihom ta stima bil-miktub.*

41. Il-konvenuta elenkat seba' (7) items relattivi għal dan l-ilment tagħha:

(1) "drains for sinks/toilet" *(dan jirrigwarda t-toilet tal-clinic)*:

Fl-istima ġie kwotat l-ammont ta' €372.70 għal "*1 sink, toilet*" u "*drains for above*". Fil-kont finali l-attur żamm proprju dan l-ammont għas-sink u t-toilet tal-clinic u d-*drains* relattivi tagħhom, u ma jidhirx li oltre dan l-ammont ġie mitlub xi ammont ieħor relatat mad-"*drains*" ta' tali sink u toilet.

L-ewwel qorti kkonkludiet li l-ilment tal-konvenuta kien ġustifikat fl-ammont ta' **€27.95** fir-rigward ta' "*1, sink, toilet*" u għalhekk dehrilha li kellu jitnaqqas. Din il-qorti pero` tosserva li l-ammont ta' €27.95 li tirreferi għalih l-ewwel qorti fil-fatt mhux marbut mad-"*drains*" tas-sink u t-toilet tal-clinic tagħha, iżda effettivament jirreferi għal "*roll bolts for wc in clinic wc*" (u fil-fatt taħtu hemm spjegat bl-aħmar li "*this item was not supplied by the bathroom supplier*" u kien għalhekk li l-attur żiedu fil-kont finali). Ladarba dan l-ammont €27.95 rappreżentanti r-*roll bolts* tal-WC m'għandux x' jaqsam ma' dan l-ilment tal-konvenuta li huwa speċifikatament dwar id-*drains* tas-sink u tat-toilet tal-clinic tagħha din il-qorti ma jidhirliex li l-ewwel qorti kellha tqisu. Madanakollu ladarba l-atturi appellati ma pproponewx appell inċidentali f' dan ir-rigward u anzi argumentaw li s-sentenza hi ġusta u għandha tiġi kkonfermata, din il-qorti ma tistax tvarja dak deċiż mill-ewwel qorti.

(2) *"drains for sinks/toilet/bath"* (*dan jirrigwarda l-main bathroom*):

Din il-qorti tosserva li fl-istima ġie kwotat l-ammont ta' <u>€535.76</u> għal "*1 bath, sink, toilet in main bathroom*" u "*drains for above*". Fil-kont finali l-attur żamm proprju dan l-ammont għall-banju, sink u toilet tal-main *bathroom* u għad-*drains* relattivi għalihom, u ma jidhirx li oltre dan l-ammont ġie mitlub xi ammont ieħor relatat mad-"*drains*" ta' tali sink, toilet u banju. Għaldaqstant dan l-ilment tal-konvenuta ukoll mhux ġustifikat.

(3) <u>*"drainage system WC in shaft"*</u>:

Fl-istima ġie kkwotat l-ammont ta' <u>€167.71</u> għad-"*drainage system WC*" tax-shaft. Dan l-ammont jidher ukoll fil-kont finali. Ma jidhirx li ġie ripetut taħt l-"*extras*". Għaldqstant dan l-ilment ukoll mhux ġustifikat.

(4) <u>*"bath wash and overflow"*</u>:

Taħt l-"*extras*" l-attur niżżel <u>€16.31</u> għall-"*bath wash and overflow*". Jispjega bl-aħmar taħt dan l-item li dan kellu jixtrih "extra" peress li ma kienx "*supplied by the bathroom place*" minn fejn xtara l-affarijiet. L-ewwel qorti qieset dan l-item bħala inkluż fl-istima max-xogħlijiet ikkwotati għall-bathroom (u cioe` taħt l-intestatura "plumbing") u għalhekk dehrilha li l-attur ma kellux dritt jitlob tali ammont ta' **<u>€16.31</u>** u li għalhekk dawn kellhom jitnaqqsu mill-kont. Għalkemm din il-qorti jidhrilha li kellu raġun l-attur fiċ-ċirkostanzi jippretendi l-ħlas ta' dan l-ammont, din il-qorti mhux ser tiddisturba tali konklużjoni tal-ewwel qorti ladarba ma sarx appell inċidentali.

(5) <u>*"three drainage pipes for WC"*</u>:

L-ammont ta' <u>€20.96</u> rigwardanti, "*white plastic pipes for the connection between the wc and the grey drainage pipes*" ġie inkluż taħt "*extras*". L-ewwel qorti irriteniet li dawn huma inklużi fl-istima max-xogħljiet ikkwotati għall-"bathroom" (u cioe`taħt l-intestatura "*plumbing*"). Din il-qorti taqbel ma' tali pożizzjoni in kwantu f' dan il-każ l-attur <u>kellu jkun jaf</u> li tali pajpijiet huma neċessarji u għalhekk messu ħadhom in konsiderazzjoni meta

kkalkula l-istima fir-rigward tax-xogħol tal-"*plumbing*." Għaldaqstant taqbel li l-ammont ta' **<u>€20.96</u>** kellu jitnaqqas. (Jiġi ppreċiżat pero` li l-ewwel qorti bi żvista naqqset €20.06[21] minflok €20.96).

(6) *<u>"installation of shower cubicle" (li jinsab fl-en suite ta' mal-kamra tas-sodda).</u>*

Fl-istima ġiet ikkwotata s-somma ta' <u>€419.29</u> għall-*plumbing* tal-*en suite* ta' mal-kamra tas-sodda (u cioe` għal *1 sink, toilet, shower*, u għad-*drains* rispettivi tagħhom). Fil-kont finali jidher dan l-istess ammont fir-rigward tagħhom. Pero` taħt l-intestatura "*extras*" jidher li l-attur talab <u>€32.61</u> żejda għax-xogħol tal-istallazzjoni tax-*shower cubicle*. Taħt dan l-item l-attur spjega bl-aħmar li, "*the client has bought a shower cubicle that needs time and two people to install. This is an extra to install*". Hawnhekk ukoll din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi din ir-raġuni mhux ġustifikabbli u jekk deherlu li kellu jżomm oltre dak ikkwotat minnu kellu qabel jagħmel ix-xogħol jġib il-kunsens tal-konvenuta, iżda dan m'għamlux. Għaldaqstant din il-qorti taqbel li dan l-ammont ta' **<u>€32.61</u>** għandu jitnaqqas mill-kont.

(7) <u>*"skip"* (for rubbish last day)</u>

Taħt l-intestatura *"extras"* l-attur talab <u>€65.22</u> rappreżentanti spejjeż ta' kiri ta' skip. Din il-qorti, ukoll bħall-ewwel qorti ma tqisx li dan l-ilment tal-konvenuta huwa ġustifikat. L-attur spjega bl-aħmar taħt dan l-item illi "*The skip was brought for the rubbish for the works and also for the rubbish of the old clinic."* Ma tistax il-konvenuta tippretendi li dan l-ammont għandu jagħmel tajjeb għalih l-attur u għalhekk jidhirlha li m'għandux jitnaqqas mill-kont.

42. Għar-raġunijiet kollha fuq mogħtija, għall-finijiet ta' dan it-tieni aggravju (li jirrigwarda it-<u>tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet</u> tal-konvenuta u senjatament l-ilmenti relattivi għalihom kif elenkati fin-nota tagħha a fol 35-

[21] Ara fol. 10 tas-sentenza.

36) din il-qorti hija tal-fehma li mill-bilanċ ta' €3,990.33 pretiż mill-attur, barra l-ammont ta' **<u>€188.70</u>** li diġa naqqset l-ewwel qorti, għandu jitnaqqas ukoll l-ammont ta':

i) <u>€166.57</u> rappreżentanti d-differenza fil-kalkolazzjoni żbaljata tal-ewwel qorti fir-rigward tal-valur tal-kisi tal-ħitan tal-bitħa ta' ma' ġenb il-kamra tas-sodda; u

ii) (ii) <u>€0.90c</u> rappreżentanti l-fatt li fir-rigward tat-"*three drainage pipes for WC*" l-ewwel qorti bi żball naqqset €20.06 flok €20.96.

43. Għalhekk mis-somma ta' €3,990.33 (ammont li talab l-attur fir-rikors promotur) għandha titnaqqas is-somma ta' **<u>€356.17</u>** (€34.16 + €224.18 + €27.95 + €16.31 + €20.96 + €32.61), u għalhekk is-somma dovuta lill-attur hi **<u>tlett elef sitt mija u erba' u tletin ewro u sittax-il ċeteżmu (3,634.16)</u>**.

***<u>It-tielet aggravju</u>***<u>*: l-Artikolu 1623 et seq.*</u>

44. Raġuni oħra li ssemmiet mill-konvenuta bħala aggravju hu b'riferenza għall-Artikolu 1623 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuta targumenta li l-ammont finali mitlub mill-attur ma jistax ikun iktar mill-istima li huwa taha bil-miktub. Targumenta illi l-attur ma jistax jgħolli l-prezzijiet wara li dawn kienu diġa stabbiliti qabel ma nbdew ix-xogħlijiet.

45. Din il-qorti tosserva li fin-nota responsiva[22] li ppreżentat bi tweġiba għan-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur, hija kienet irriferiet proprju għall-imsemmija disposizzjoni (et seq) fir-rigward tas-sottomissjonijiet li kienet qed tagħmel relatati mat-<u>tielet eċċezzjoni tagħha</u> (u cioe` li l-ammont mitlub huwa iktar minn dak pattwit skont l-istima). Pero` fin-nota tagħha tal-25 ta' Frar 2015[23], fejn elenkat l-ilmenti tagħha b'riferenza għal kull eċċezzjoni, <u>fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni kienet spjegat li l-ilment tagħha kien</u> **<u>jirrigwarda biss ir-</u>**

[22] Nota responsiva tal-konvenuta, 27 ta' Mejju 2016, fol 173 et seq
[23] Fol. 35.

**ramel, u l-items li tirreferi għalihom bħala "extras" li fil-fatt huma l-items mertu tal-ħames eċċezzjoni**.

46. Dawn l-ilmenti diġa ġew indirizzati f'din is-sentenza u l-qorti m'għandhiex x'iżżid ma dak li diġa ntqal. Dan apparti li dak li ta l-attur kienet biss ***estimate*** u mhux somma definita.

***Ir-raba' aggravju**: l-imgħaxijiet.*

47. Il-konvenuta ssostni li ladarba l-ammont mitlub mill-attur mhux wieħed ċert, likwidu u dovut mhumiex dovuti imgħaxijiet fuqu. Iżda hawnhekk ukoll m'għandhiex raġun.

48. F' dan ir-rigward din il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri[24] fis-17 ta' Frar 2003 fil-kawża fl-ismijiet **"Fogg Insurance Agencies Ltd noe vs Paul Tabone"** fejn ġie insenjat illi l-imgħax jibda' jiddekorri minn meta persuna tiġi interpellata ġudizzjarjament biex tħallas somma determinata u speċifika, anke jekk eventwalment tali somma tiġi ridotta:

> *"Fuq l-aggravju tal-interessi u d-dekorriment tagħhom il-qorti tinnota li fil-korp tal-avviż l-atturi talbu somma determinata u speċifika. Jirriżulta li l-atturi interpellaw ġudizzjarjament lill-konvenut għall-ħlas tagħha in sodisfazzjon tad-danni pretiżi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda' jattratta l-interessi ("O'Connor vs Bruno Olivier" – Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-qorti rriduċiet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll jgħaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaċi tiġġustifika lill-konvenut jappilja mal-massima 'in illiquidis non fit mora'."*

(ara wkoll is-sentenza **Albert Mallia vs Albert Camilleri et**, deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2014 mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) u li saret riferenza għaliha mill-attur fit-twegiba).

---
[24] Imħallef Philip Sciberras

49. Għaldaqstant l-ewwel qorti kienet korretta meta ddikjarat li l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru mid-data tal-preżentata tal-avviż u cioe` mill-24 ta' Novembru 2014. Għalhekk dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenuta u minflok tikkudannaha tħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef sitt mija u erba' u tletin ewro u sittax-il ċenteżmu (€3634.16). Għal kumplament tiċħad l-appell.**

**L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu in kwantu għal 10% a karigu tal-attur u 90% a karigu tal-konvenuta. Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqa' jgħodd dak li ddeċidiet l-ewwel qorti.**

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur